

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
  
- 2) Rosian Express SRL hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 367, 14.12.2013.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2015 – Wolverine International vs UASI – BH Stores (cushe)**

(Kawża T-642/13) <sup>(1)</sup>

*(Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Reġistrazzjoni internazzjonali li tkopri lill-Komunità Ewropea — Trade mark figurattiva cushe — Trade marks nazzjonali verbali preċedenti SHE u figurattivi preċedenti she — Raġuni relattiva għal rifjut — Użu ġenwin tat-trade mark preċedenti — Artikolu 57(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009)*

(2015/C 398/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Wolverine International, LP (George Town, il-Ġżejjer Kayman, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: M. Plesser u R. Heine, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: M. Fischer, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: BH Stores BV (Curaçao, Curaçao, Entità awtonoma tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: T. Dolde, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-30 ta' Settembru 2013 (Każ R 1269/2012-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn BH Store BV u Wolverine International, LP.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) *Wolverine International, LP* hija kkundannata għall-ispejjeż, bl-eċċezzjoni ta' dawk sostnuti minn *BH Store BV* quddiem id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).
- 3) It-talba ta' *BH Store* marbuta mal-ispejjeż li hija sostniet quddiem id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-UASI hija miċħuda.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 85, 22.3.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Ottubru 2015 – The Smiley Company vs UASI (Forma ta' smiley b'għajnejn f'forma ta' qalb)**

(Kawża T-656/13) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta' smiley b'għajnejn f'forma ta' qalb — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2015/C 398/48)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: The Smiley Company SPRL (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: A. Freitag u C. Albrecht, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: P. Geroulakos u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Reba Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' Ottubru 2013 (Każ R 997/2013-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kompost mill-forma ta' smiley b'għajnejn f'forma ta' qalb bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) *The smiley Company SPRL* hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 61, 1.3.2014.